MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 357/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Axisa**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Axisa talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2012, Frar 2012, Marzu 2012 u April 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Maria Carmela Axisa u/jew lill-ulied is-somma ffisata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338 (z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Joseph Axisa ħati u kkundannatu xahar priġunerija sospiż għal sena ai termini tal- artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ordnat lill-istess Joseph Axisa jħallas is-somma ta' tmien mija u ħamsin euro (€850) fi żmien tliet (3) xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Axisa ppreżentat fl-10 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tirriformaha in kwantu għall- piena, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern skond il-liġi;

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis ħarxa wisq stante li huwa *a first time offender* u jeżistu raġunijiet speċjali li jimmiltaw favur tiegħu.

**6.** Issa, fis-seduta tallum din il-Qorti ġiet infurmata illi kien sar il-pagament opportun għax-xhur in kwistjoni, cioe` x-xhur ta' Jannar 2012 sa April 2012, u li l-appellant anke għamel pagamenti oħrajn sabiex jiġi in lineja mal-manteniment dovut. Naturalment, l-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura tagħha, rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija sospiż għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ordnat lill-istess appellant iħallas is-somma ta' tmien mija u ħamsin euro (€850) fi żmien tliet (3) xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur millum. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------